MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2010

Talba Numru. 1003/2009

**Alfa Co. Ltd C-5482**

**vs**

**Eurolinx Limited C-40689**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lis-socjeta' konvenuta l-hlas tas-somma ta' tlett telef, erba' mija u erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3494.06), rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma' xiri ta' "office supplies and equipment" minghand l-istess attrici.

Bl-imghax minn meta l-ammont kien effetivament dovut u l-ispejjez skont il-Ligi.

L-ammont effettivament dovut gie ridott a fini ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenuta thallas is-somma ta' ta' tlett telef, erba' mija u erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3494.06), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------